**13 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Edgar Grixti

**Ksur tal-Paċi Publika — Insulti lill-Pulizija — Piena — Appell — Art. 94 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 6(b) tal-Ordinanza tal-Emerġenza no. I tal-1958.**

*L-Ordinanza tal-Emerġenza nru. I tal-1958 tikkontempla r-reat ta' min iġib ruħu b'mod tali li jista' jġib ksur tal-paċi publika. Din l-imġieba għandha tiġi kunsidrata fil-kwadru taċ-ċirkustanzi; u jekk tkun tikkonsisti fi kliem inġurjuż lill-membri tal-Pulizija fil-waqt li jkunu jaqdu d-dmirijiet tagħhom, u fiċ-ċirkustanzi dawn il-kliem setgħu jġibu ksur tal-paċi publika, hemm dan ir-reat taħt il-Liġi tal-Emerġenza. Imma dan hu r-reat gravjuri, li jassorbixxi l-ieħor attribwit lill-imputat ta' nġurji lill-Pulizija, u huwa punibbli skond dik l-Ordinanza.*

*Mhix f'lokha l-osservazzjoni li dik il-liġi tal-emerġenza aktarx riedet tiddikjara ċerti reati speċjali, mentri r-reat ta' insult lill-menbri tal-Pulizija kien ikun kopert bil-liġi ordinarja; għax ir-reat ta' ksur tal-paċi publika huwa reat speċjali kontemplat mil-liġi tal-emerġenza, għad li l-mezz li bih jiġi perpetrat jista' jkun imsemmi fil-liġi ordinarja.*

*Għalhekk ukoll hija inattendibbli l-osservazzjoni li l-Qorti jmissha applikat piena aktar miti minn dik preskritta mil-liġi tal-emerġenza; u l-Qorti tal-Appell, fuq l-istregwa tal-ġurisprudenza in propożitu, li tlha żmien, ma tvarjax il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, meta din ma tkunx kontra l-liġi jew manifestament oppressiva.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Edgar Grixti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fis-27 ta' Frar 1959, fit-Tarzna tal-Maestà Tagħha r-Reġina, inġurja diversi membri tal-Pulizija, persuni nkarigati minn servizz publiku, waqt li dawn kienu jagħmlu jew minħabba għax kienu jagħmlu dan is-servizz; u barra minn dan, ġieb ruħu b'mod li kellu mnejn iġib ksur tal-paċi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Marzu 1959, li biha sabet lill-istess Edgar Grixti ħati skond l-imputazzjoni, b'dan li l-ewwel imputazzjoni tinsab assorbita fit-tieni; u wara li rat l-art. 94 tal-Kap. 12 u l-art. 6(1) (b) u 10 tal-Ordinanza numru 1 tal-1958, ikkundannat lill-imsemmi Edgar Grixti għall-piena tal-priġunerija għal żmien xahrejn;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kuntistabbli Laferla xehed illi . . . . . .;

Il-kuntistabbli Abela xehed . . . . . . ;

Il-kuntistabbli Farrugia jikkonferma . . . . . .;

Dan is-Surġent Maġġur Gray qal illi . . . . . . ;

Is-Surġent Said qal illi . . . . . . ;

P.S. Buhagiar kien ukoll fil-"workshop", sama' dak il-kliem . . . . . .;

P.S. Attard kien min dawk . . . . . .;

L-imputat xehed . . . . . . ;

Hu pproduċa żewġ xhieda, Gabarretta u Agius, li jgħidu . . . . . . ;

Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni biex tiskarta l-massa tad-depożizzjonijiet konkatenati u konklamanti tal-Prosekuzzjoni. Ebda motiv ma ġie addott kontra l-kredibbilità ta' dawk ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. L-imputat u x-xhieda tiegħu lanqas jaqblu f'dettalji li huma sinifikanti għal dan il-każ . . . . .;

Id-difiża osservat li, ġa ladarba dawk ix-xhieda, Gabarretta u Agius, kienu ħdejn l-imputat u ma semgħuhx jgħid il-kliem "ħalluħ ja' l. . . . a", isewgi li ma qalhomx. B'daqshekk id-difiża qegħdha virtwalment tinvita lill-Qorti tagħmel sovversjoni ta' kull prinċipju san u paċifiku ta' valutazzjoni tal-provi. Meta hemm dawk ix-xhieda l-oħra okulari u awrikulari li jaqblu filli jgħidu pożittivament li l-imputat qal dawk il-kliem, meta ma hemmx raġunijiet biex il-Qorti tiddubita mill-kredibbilità tagħhom, meta x-xhieda tal-imputat ma taqbelx ma' dik taż-żewġ xhieda tiegħu u lanqas dawn ma jaqblu bejniethom, meta hemm l-inverosimiljanza li dawn ix-xhieda, kieku kien veru dak li qalu, ċert li kienu fil-pront jaqbżu u jgħidu dak il-ħin lill-kuntistabbli li ma kienx veru dak li bih kien qiegħed jakkuża lill-imputat, allura ma hux il-każ li jingħad, jekk wieħed irid jirrispetta l-kriterju tal-preponderanza attendibbli tal-provi, li l-imputat ma qalx dawk il-kliem, imma li dawk iż-żewġ xhieda Gabarretta u Agius ma humiex qegħdin jgħidu l-veru. Del resto, ix-xhieda tal-imputat, valutata anki fuq il-kriterju li jissejjaħ "demeanour in the witness-box", ma kienetx, biex wieħed igħid lanqas, affattu konvinċenti; u hekk ukoll ma dehritx konvinċenti x-xhieda ta' Gabarretta u Agius;

Id-difiża eċċepiet, in subordine, li anki jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-imputat ipproferixxa għak-kariku tal-Pulizija il-kliem inkriminati, allura dan l-att tiegħu ma jikkostitwixxix ir-reat kontemplat fl-art. 6(b) tal-Ordinanza tal-Emerġenza No. I tal-1958, imma biss dak kontemplat fl-art. 94 Kap. 12; u li għalhekk, peress li l-inġurja hi vaga, u kwindi punibbli bil-piena tal-kontravvenzjonijiet, konsegwentement ma hemmx lok għall-awment ta' grad fil-pieni msemmijin fl-ewwel subartikolu tal-art. 94, imma għall-piena tal-kontravvenzjonijiet biss għat-tenur tat-tieni subartikolu ta' dak l-artikolu;

Issa, l-art. 6, fil-parti rilevanti tiegħu, jgħid:— "Conducts himself in a manner likely to cause a breach of the peace";

*Meta l-ġudikant jirrifletti*, kif għandu jagħmel, li dawn il-kliem ma ntqalux f'ċirkustanzi normali, imma f'ċirkustanzi ta' rewwixta, b'attijiet ta' vjolenza ta' entità u ta' durata pjuttost rilevanti u prolungata, f'ħin meta l-membri tal-Pulizija li ġew imsejħa biex jissedaw din ir-rewwixta, kienu qegħdin jiġu vjolentement assaltati bit-tfiegħ ta' kull xorta ta' oġġett iebes, fosthom oġġetti tal-ħadid, tant li proprju dak il-ħin il-Maġġur Robert Gray ġie milqut proprju f'dak il-post fejn intqalu mill-imputat dawk il-kliem, u meta wieħed jirrifletti li l-kliem li qal l-imputat "ja l . . . . .a" kienu ndirizzati lejn il-membri tal-Pulizija proprju x'ħin, u appuntu mħabba li dawn, diġà biżżejjed pressati mill-fol'a tumultwanti, kienu qegħdin jarrestaw il-ċertu Calleja, u dawk il-kliem kienu għalhekk inċitazzjoni għal-liberazzjoni mill-arrest ta' dak Callejja, bil-vjolenza li setgħet tikkonsegwita minn daqshekk, allura hu ta' evidenza palmari li dawk il-kliem, meta jintiżnu fil-kwadru taċ-ċirkustanzi, jikkostitwixxu każ tipiku ta' dik li fil-Kommentarju ta' Blackstone tissejjaħ antiċipazzjoni raġjonevoli, f'dan il-każ ferm aktar minn raġjonevoli, imma fondata u lampanti, ta' "a breach of the peace". Għalhekk il-fatt kien jaqa' taħt l-art. 6 tal-Liġi tal-Emerġenza. Peress li dan kien, f'dan il-każ, ir-reat gravjuri, għalhekk, skond il-liġi, l-assorbiment isir f'dan ir-reat taħt l-art. 6, u hi applikabbli l-piena ta' dan ir-reat;

Ikkunsidrat;

Id-difiża għamlet anki, dejjem in subordine, xi osservazzjonijiet dwar il-piena, fis-sens li talbet mitigazzjoni tagħha. Id-difensur osserva li għandha tiġi applikata piena aktar miti fuq il-motiv, minnu sottomess, illi l-liġi tal-emerġenza aktarx riedet tikkolpixxi reati speċjali, mentri *f'dan il-każ ir-reat ta' insulti lill-Pulizija* kien ikun kopert bil-liġi ordinarja. Din il-Qorti mhix ta' fehma li dan ir-riljev jista' jkollu xi valur ġuridiku; għaliex hu ovvjament superat bl-osservazzjoni li r-reat taħt l-art. 6 hu reat speċ-

jali, għad li l-mezz li bih jiġi perpetrat jista' jkun imsemmi fil-liġi ordinarja;

"Per tutt'altro", din il-Qorti, fuq l-istregwa ta' ġurisprudenza in propożitu li ilha żmien, ma tħossx li tista' tvarja l-piena, meta din ma tkunx jew kontra l-liġi jew manifestament oppressiva, u ma tħossx li fiċ-ċirkustanzi tal-każ l-att tal-imputat ma kienx sufficjentement gravi li *jimmerita*. *kif din il-Qorti taħseb li jimmerita, il-piena nflitta* mill-Ewwel Qorti. L-Imħallef sedenti, wara li rrifletta fuq dan il-pont, iħoss li l-Maġistrat eżerċita sewwa d-diskrezzjoni fil-latitudini tal-piena l tħalllu l-liġ;

Għal dawn ir-raġunijiet issib sewwa d-deċiżjoni tal-Maġistrat;

U tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Mill-piena għandu jitnaqqas il-perijodu tal-arrest.